MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Numru 563/2005

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**VS**

**ALFRED STIVALA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alfred Stivala, ta' 61 sena, bin John u Carmela nee' Galea, imwieled in-Naxxar nhar it-23 ta' April, 1944 u li joqghod fil-fond bl-isem 'Id-Dwejra', Triq il-Grigal, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 502 644 (M);

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, bhala propretarju u/jew amminstratur tal-fond Topline, li jinsab fi Triq San Andru, Swieqi, bejn it-22 ta' Novembru, 1999 u s-7 ta' Settembru, 2004 b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u

li jiksru l-istess disposizzjonjiet tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittmu ta' kurrent elettriku, ikkommetta serq ta' kwantita' ta' elettriku fl-ammont ta' sebat elef, sebgha mija u sitt liri u tmenin centezmu (Lm7,706.80), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u hin u bl-ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi, ghamel hsara jew kisser parti minn xi meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku, jew is-sigilli taghhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 326 1F tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 326 1F tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat id-dokumenti esebit mid-difiza, fejn jirrizulta li l-ammont dovut mill-imputat lill-Korporazzjoni Enemalta gie ridott ghal Lm4,000.00 (erbat elef lira maltin), liema ammont thallas ghas-saldu tal-pretensjonijiet tal-istess Koroporazzjoni.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi qiegheda ssib lill-imsemmi Alfred Stivala hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------